32005D0752

L 282/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 26.10.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-24 ta' Ottubru 2005

## li tistabbilixxi grupp ta' esperti dwar il-kummerċ elettroniku

(2005/752/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) Fil-qafas tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċertu aspetti legali tas-servizzi ta' soċjetà ta' l-informazzjoni, b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttivi dwar il-kummerċ elettroniku)[1], l-Istati Membri kienu mitluba jappuntaw punt ta' kuntatt wieħed jew għadd ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex itejbu l-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri l-oħra (l-Artikolu 19.2 tad-Direttiva).

(2) Wara dan, l-Ewwel Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku (COM (2003) 702 finali tal-21 ta' Novembru 2003) f'kapitolu sebgħa ippreveda li l-Kummissjoni issa se "tiffoka fuq li tiżgura l-funzjonar prattiku tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambjar kontinwu ta' l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri nfushom".

(3) Aktar minn hekk, ikun utli li l-Istati Membri jingħataw il-possibiltà li jiddiskutu l-problemi fl-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku u kwistjonijiet li qed iqumu fil-qasam tal-kummerċ elettroniku. Huwa importanti wkoll li l-kooperazzjoni bejniethom u l-Kummissjoni titħeġġeġ u tiġi ffaċilitata. Il-Grupp ta' Esperti għalhekk se jipprovdi forum utli għall-iskambju ta' opinjonijiet dwar l-implimentazzjoni prattika u l-applikazzjoni tad-Direttiva, inkluża informazzjoni dwar kodiċijiet ta' kondotta mfassla minn assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u ta' professjonisti, kodiċijiet ta' kondotta dwar reklamar fuq l-internet minn professjonijiet regolati; ġurisprudenza nazzjonali, speċjalment relatata mad-dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà; żviluppi ġodda msemmija fl-Artikoku 21 tad-Direttiva, bħar-responsabbiltà tal-fornituri ta' *hyperlinks* u servizzi ta' għodod fil-lokali u proċeduri ta' 'avviż u ta' tneħħija', u biex jiddiskutu l-possibiltà ta' rapporti sussegwenti ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva fuq il-kummerċ elettroniku.

---

[1] ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

(4) Ir-Regolament 2006/2004/KE[2] jistabbilixxi netwerk ta' awtoritajiet pubbliċi responsabbli mill-ħarsien ta' l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur li parzjalment jarmonizza l-investigazzjoni tagħhom u jipprovdi arranġamenti ta' assistenza reċiproka bejntiehom. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE li jħarsu l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi jidħlu fl-iskop ta' dan ir-Regolament. Huwa xieraq li l-Kumitat imwaqqaf għall-implimentazzjoni tar-Regolament 2006/2004/KE jinforma regolarment lill-grupp ta' Esperti fil-kummerċ elettroniku dwar l-attivitajiet tiegħu li jistgħu jkunu rilevanti għal dan ta' l-aħħar.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ġie stabbilit grupp ta' esperti dwar il-kummerċ elettroniku (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala l-'Grupp') .

*Artikolu 2*

*Missjoni*

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Grupp dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mad-direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Dan ikopri, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

– il-kooperazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' l-Artikolu 3 (4) – (6) proċedura biex tillimita l-libertà biex ikunu provduti s-servizzi kontra fornitur tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni;

– informazzjoni dwar kodiċijiet ta' kondotta mfassla fuq livell ta' Komunità minn assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet tal-konsumatur, tal-kummerċ jew professjonali, imfassla biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-Artikoli 5-15 tad-Direttiva (l-Artikolu 16 tad-Direttiva),

– kodiċijiet tal-kondotta dwar reklamar *on-line* minn professjonijiet regolati (l-Artikolu 8 tad-Direttiva);

– ġurisprudenza nazzjonali, speċjalment relatata mad-dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà, inkluż deċiżjonijiet meħuda f'soluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti (l-Artikolu 17, 19.5 tad-Direttiva);

– oqsma li bħalissa huma barra mill-iskop tas-sezzjoni tar-responsabbiltà tad-Direttiva iżda li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 21, bħal: proċeduri ta' 'avviż u ta' tneħħija', *hyperlinks* u *search engines*;

---

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

- l-iskop tar-rapporti sussegwenti ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kummerċ elettroniku (l-Artikolu 21 tad-Direttiva).

Il-president tal-Grupp jista' jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Grupp dwar kull materja relatata.

Materji ta' kooperazzjoni amministrattiva li wkoll jaqgħu taħt l-iskop tar-Regolament 2006/2004/KE rigward id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE li jħarsu l-interessi tal-konsumaturi għandhom jiġu trattati wkoll mill-Kumitat imwaqqaf għall-implimentazzjoni tar-Regolament 2006/2004/KE. Dan ta' l-aħħar iżomm lill-Grupp ta' Esperti infurmat regolarment.

*Artikolu 3*

*Kompożizzjoni - Nominai*

(1) Il-membri tal-grupp għandhom ikunu punti nazzjonali ta' kuntatt maħtura taħt l-Artikolu 19.2 tad-direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (wieħed minn kull Stat Membru) u rappreżentanti tal-Kummissjoni.

(2) Il-Grupp jinkludi numru ta' membri li jikkorrispondi man-numru ta' Stati Membri tal-Komunità Ewropea u rappreżentanti tal-Kummissjoni.

(3) Il-membri jibqgħu jiffunzjonaw sakemm jiġu sostitwiti jew sakemm jintemm il-mandat tagħhom.

(4) Il-Membri li m'għadhomx aktar kapaċi li jikkontribwixxu b'mod effettiv għax-xogħlijiet tal-grupp, li jirriżenjaw jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijietimsemmija fl-Artikolu 3 (1) jew l-Artikolu 287 tat-Trattat, jistgħu jiġu sostitwiti b'Membru alternattiv, għall-bqija tal-mandat tagħhom.

*Artikolu 4*

*Tħaddim*

Il-Grupp għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-Grupp, bi qbil mal-Kummissjoni, jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma biex jistudjaw suġġetti speċifiċi fuq il-bażi tal-mandat. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jitneħħew hekk kif il-mandat tagħhom jiskadi.

Il-Kummissjoni tista' tistieden esperti u osservaturi li jifhmu speċifikament fis-suġġett biex jipparteċipaw fix-xogħol tal-Grupp u/jew fil-gruppi ta' ħidma.

L-informazzjoni miksuba matul ix-xogħlijiet tal-bord jew tas-sotto-gruppi ma tistax tiġi ppubblikata jekk il-Kummissjoni tkun ta' l-opinjoni li l-informazzjoni hi kunfidenzjali.

Il-grupp ta' esperti dwar il-kummerċ elettroniku għandu jadotta regoli ta' proċedura li hemm qbil dwarhom fuq il-bażi ta' mudell adottat mill-Kummissjoni" (Anness III tas-SEC(2005)1004).

*Artikolu 5*

*Laqgħat*

Il-Grupp u l-gruppi ta' ħidma għandhom normalment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni, fl-għamla u skond l-iskeda ta' ħin iddeterminata mill-Kummissjoni.

Is-Segretarjat tal-Grupp għandu jkun provdut mill-Kummissjoni. Membri tal-personell tal-Kummissjoni li huma interessati jistgħu jkunu preżenti fil-laqgħat tal-Grupp u tal-gruppi ta' ħidma u jistgħu jieħdu parti fid-dibattiti.

Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet, bil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kull konklużjoni, sommarju, konklużjoni parzjali jew karta ta' ħidma relatata mal-Grupp jew mal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

*Artikolu 6*

*Spejjeż tal-Laqgħa*

Spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza li jkollhom iħallsu l-membri, l-osservaturi u l-esperti, li jsiru minħabba l-attivitajiet tal-Grupp, għandhom jitħallsu lura mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Il-funzjonijiet tagħhom m'għandhomx ikunu remunerati.

*Artikolu 7*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ottubru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
*Charlie McCREEVY*
*Membru tal-Kummissjoni*